MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 48/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian Abdilla)**
**Vs**
**Christian Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Christian Mangion (ID 249976(M)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'April, 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

1. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l- f'April, 2010, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti

magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat; liema delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnjata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;

2. talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi, fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, illi b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement għamel użu minn tali dokumenti;

3. talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi, ikkommetta tali reati, fil-waqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

4. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 141, 167, 168, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu iżda illiberatu taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin. Billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi

tirrevokha u tħassarha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien tliet snin mid-data tas-sentenza u minflok tinfliġġi piena skont il-liġi u tikkonfermha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti ma tirriflettix il-gravita` tar-reati li tagħhom l-appellat instab ħati u taċ-ċirkostanzi li fihom seħħew.

Illi jibda biex jinghad illi l-appellat Christian Mangion kien membru tal-Korp tal-Pulizija u bhala tali kellu l-obbligu illi jsegwi l-ligi u *multo magis* li ma jikkommettix reati kriminali huwa stess. Illi di piu, l-posizzjoni li hu kellu fil-korp kienet wahda ta' fiducja u kellu access liberu ghall-fondi derivanti mill-erarju pubbliku Malti u anke dak Ewropew.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jissottometti illi nonostante illi l-appellat kien kellu rank ta' kuntistabbli, l-posizzjoni li kien inghata mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ta' fiducja kbira u, fl-umli opinjoni ta' l-appellat, dan ikompli jippeggora l-ghemil defrawdista ta' l-istess appellat.

Illi ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern iridu jservu sabiex jintbagħat messaġġ lis-socjeta` Maltija illi dan it-tip ta' komportament ma jitteħidx b'mod legger mill-Qrati tagħna u li kwalunkwe tip ta' approprazzjoni indebita ta' l-erarju pubbliku għandu jigi kkunsidrat bhala nuqqas serju li jimporta mieghu piena serja. Dan il-fatt hu aktar aggravat meta wiehed jikkonsidra illi l-appellat kien ufficjal tal-korp tal-Pulizija.

Illi di piu`, l-appellat stess ammetta li hu pprova jaħbi l-ghemil tieghu billi kompla holoq dokumenti fażulli sabiex jinghaddew lid-dipartiment kkoncernat sabiex ikun jista`

jahbi t-tracci ta’ l-ghemil tieghu. Fatt li, fl-opinjoni ta’ l-appellant, ikompli jaggrava l-għemil ta’ l-appellat.

Illi l-unika raguni li ta l-appellat għall-għemil tiegħu kien li kien qed jgħix *beyond his means* u li kellu bżonn dawn il-flus sabiex ikun jista` jsostni t-tip ta’ ħajja li għażel li jaqbad, raġuni li, fl-opinjoni ta’ l-appellant ma tiġġustifikax ir-reati li wettaq l-appellat.

Illi tenut dan kollu, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u cioe` dik ta’ liberta` kondizzjonata, hija estremament miti u żgur li ma tirriflettix il-gravita` taċ-ċirkostanzi u tar-reati li tagħhom instab ħati l-appellat.

Ikkonsidrat

Li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax il-quantum tal-piena li tkun għażlet l-Ewwel Qorti sakemm din tkun fil-parametri tal-Liġi.
Il-Qorti ser teżamina dawn il-fatturi:
(a) Jekk l-appellat setax jingħata liberta’ koondizzjonata għal tliet snin skont il-parametri tal-Kap 446.
(b) Il-ġurisprudenza dwar appelli tal-Avukat Ġenerali ( kif ukoll ta’ individwi) meta dawn ikunu dwar quantum ta’ piena.
(ċ) X’ikkonsidrat l-Ewwel Qorti
(d) X’ikkonsidrat din il-Qorti

**(a) Jekk l-appellat setax jingħata liberta’ kondizzjonata.**

Illi għalhekk il-Qorti eżaminat l-artikoli li ta l-Avukat Ġenerali fir-rinviju tiegħu tas-27 ta’ Diċembru, 2010 u l-quantum tal-piena li jwasslu għaliha magħduda wkoll il-gradi żejda li għandhom jingħataw taħt ċerti artikoli (per eżempju l-artikolu 141) fejn iż-żieda mhix fakoltativa (bħal, per eżempju l-artikoli 18, 49 u 50). Qieset ukoll il-minima u l-massima wara li jkun applikat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9.

Eżaminat ukoll l-artikolu 22 tal-Kap 446 u partikolarment l-aħħar sentenza tas-subinċiż(1) fejn jingħad hekk:

‘Id-dispożizzjonijiet li hemm fil-proviso 7(2) għandhom mutatis mutandis japplikaw għal dan is-subartikolu’

Il-proviso li għalih qed issir cross reference jgħid li Probation Order u, konsegwentement liberazzjoni assoluta jew kondizzjonata, jistgħu jingħataw jekk ir-reat ikun punibbli għal żmien li jeċċedi seba’ snin iżda mhux għaxar snin. F’dan il-każ kemm il-minimu kif ukoll il-massimu huma matematikament anqas mill-massimu prospettat mill-Kap 446 fejn il-Qorti tista’ tagħti ordni ta’ probation jew ordni ta’ liberazzjoni assoluta jew kondizzjonata. Għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet, skont il-kap 446, tagħti liberta’ kondizzjonata.

**(b) Il-Ġurisprudenza dwar appelli dwar il-piena**

Dwar meta l-Avukat Ġenerali jissottometti li sentenza tkun miti jew le, il-Qorti tista’ tirreferi għal diversi sentenzi fejn tqajjem dan il-punt. B’mod partikolari qed issir referenza għall-każ ‘Ir-Repubblika ta’ Malta v Carmen Butler’ tas-26 ta’ Frar, 2009. Din kienet sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) wara sentenza mogħtija f’ġuri dwar ħasil tal-flus  Il-Qorti Kriminali kienet ikkundannat lil Carmen Butler sentenza ta’ priġunerija sospiża skont l-artikolu 28A tal-Kap 9.  Il-Qorti kienet eżaminat l-artikolu 500(2) tal-Kap 9 u qalet dan li ġej:

*‘6. Issa, il-kliem operattiv ta’ l-Artikolu 500(2) huma “imtaffija hafna” – “unduly lenient”. Mela mhux semplicement “lenient”, izda hafifa jew imtaffija “unduly” u cioe` b’mod ezagerat, mhux gustifikabbli, jew addirittura li jmur kontra xi disposizzjoni espressa tal-ligi. Kif tajjeb u lealment osserva l-appellant Avukat Generali fir-rikors ta’ appell tieghu (u dan b’referenza ghar-rapport tal-Law*
*Reform Commission ta’ l-Irlanda intitolat Consultation Paper on Prosecution Appeals from Unduly Lenient Sentences in the District Court tal-2004 ) biex wiehed*
*ikun jista’ jghid li hemm sentenza “unduly lenient” li tirrikjedi l-intervent ta’ qorti fi grad oghla, dik is-sentenza trid tkun, għall-anqas bħala regola, waħda “[that] flies in the face of fundamental reason and common*

*sense". Il-qorti fi grad oghla normalment tistaqsi lilha nfisha "Was [there] anything in the way of an abuse of discretion or anything irrational in the course that [the sentencing judge] took?" Dawn l-istess kriterji huma riflessi fil-gurisprudenza Ingliza. Hekk, per ezempju, il-Court of Appeal (Criminal Division) f'Attorney General's Reference (No. 4 of 1989)6 esprimiet ruhha hekk:*

*"The first thing to be observed is that it is implicit in the section that this court may only increase sentences which it concludes were unduly lenient. It cannot, we are confident, have been the intention of Parliament to subject defendants to the risk of having their sentences increased – with all the anxiety that this naturally gives rise to – merely because in the opinion of this court the sentence was less than this court would have imposed. A sentence is unduly lenient, we would hold, where it falls outside the range of sentences which the judge, applying his mind to*
*all the relevant factors, could reasonably consider appropriate. In that connection regard must of course be had to the reported cases, and in particular to the guidance given by this court from time to time in the so*
*called guideline cases. However, it must always be remembered that sentencing is an art rather than a science; that the trial judge is particularly well placed to assess the weight to be given to various competing considerations; and that leniency is not in itself a vice. That mercy should season justice is a proposition as soundly based on law as it is in literature."*

*7. U f'kaz iehor gej mill-Iskozja – Her Majesty's Advocate v. Bell – inghad hekk mill-Court of Session :*

*"It is clear that a person is not to be subjected to the risk of an increase in sentence just because the appeal court considers that it would have passed a more severe sentence than that which was passed at first instance. The sentence must be seen to be unduly lenient. This means that it must fall outside the range of sentences which the judge at first instance, applying*

*his mind to all the relevant factors, could reasonably have considered appropriate…There may also be cases where, in the appropriate circumstances, a lenient sentence is entirely appropriate. It is only if it can properly be said to be unduly lenient that the appeal court is entitled to interfere with it…"*

*8. Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.'*

*9. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, sentenza tkun ukoll "unduly lenient" ghall-finijiet tal-Artikolu 500(2) tal-Kap. 9 meta tkun barra mill-parametri tal-ligi fis-sens tal-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali, u cioe` tkun piena li, minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha, tkun differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghatat sentenza. F'kaz simili, l-"undue leniency" tkun tirrizulta mill-fatt li ma tkunx giet osservata l-liġi.'*

Fil-każ minn fejn ittieħdet din is-silta l-Qorti ddeċidiet li s-sentenza kienet 'lenient' iżda mhux 'unduly lenient' kif imfisser aktar 'il fuq. Imbagħad għaddiet biex ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali.

F'każ fejn kien involut pulizija li uża forza fuq persuna li mhux suppost uża, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (preseduta mill-Prim Imħallef Dr Vincent de Gaetano), wara li sar appell mill-imputat, għarblet sew iċ-ċirkostanzi

kollha tal-każ u kienet iddeċidiet li tirriforma s-sentenza tal-Qorti Inferjuri billi żammet il-kundanna ta’ erba’ xhur priġunerija iżda dawn kellhom jibqgħu sospiżi skont l-artikolu 28A.

F’każ ieħor deċiż mill-Qort tal-Appell Kriminali fis-7 ta’ Marzu 2012 fl-ismijiet ‘The Police v Francesco Nanni’ (presedut mill-Onor.Imħallef Dr David Scicluna), l-imputazzjonijiet kienu dwar reżistenza bil-vjolenza kontra l-Pulizija, jiġifieri f’dan il-każ il-Pulizija kienu l-vittmi. L-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li kienet illiberat lill-imputat għal sena. Il-Qorti qalet hekk:

*‘8. It is true that there is a line of judgements which states that violence should lead to an effective prison sentence. However, it is also true that the Court must reach its decision on the basis of the circumstances in each and every particular case. In this case, the injuries suffered were slight and apparently of little consequence. Respondent refunded the damage caused to Anthony Mifsud.. There is not the slightest shred of evidence that respondent is a dangerous person……. The first Court clearly understood all this and thus reached the conclusion that a conditional discharge would in the circumstances be a sufficient deterrent. Consequently, this Court finds that there is no valid reason to vary the first Court’s decision.’*

**Ma’ dawn id-deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin u mal-kummenti mill-Qrati Ingliżi, il-Qorti qed iżżid li mhux biss kull każ għandha jitqies għalih biċ-ċirkostanzi tiegħu kollha iżda wkoll li f’ċerti każi jrid ikun hemm konsiderazzjonijiet oħra. Il-Qorti qed tirreferi għal kull meta jkun hemm xi linja gwida bħalma jidher fil-artikolu 492(1) tal-Kap 9, ġurisprudenza kostanti dwar x’tip ta’ sentenza għandha tingħata u każistika assodata li fiha l-quantum tal-piena jkun jidher marbut jew ma’ ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi jew ma’ kwantitajiet fejn il-kwantita’ hija fattur determinanti ta’ kemm tingħata piena.**

**(ċ) X'ikkonsidrat il-Qorti tal-Maġistrati.**

Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti qalet li l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu u radd dak kollu dovut. Rat li l-imputat qed jaħdem bi profit u għalhekk il-piena karċerarju ma tkunx f'postha. Għalhekk ma kkundannatux għal piena karċerarja iżda illiberatu taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

**(d) X'ikkonsidrat din il-Qorti**

Din il-Qorti wkoll fliet l-atti li minnhom jirriżulta li l-appellat tressaq il-Qorti fit-28 t'April 2010. L-istqarrija tal-imputat saret fit-23 t'April 2010 u fiha l-appellat mill-ewwel ta d-detalji ta' kollox inkluż l-ammont ta' flus li kien żamm għandu. Huwa qal ukoll ċar u tond li kien jaf li dawn il-lfus qatt ma kellhom ikun għalih. Huwa qal li kien f'pożizzjoni li jħallas is-somma kollha dovuta iżda kellu bżonn ta' xi tlieta jew erbat ijiem. A fol 44 filfatt jidher ċekk tal-BOV bl-ammont li kien dovut sabiex ikun jista' jinġibed mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fit-2 ta' Diċembru 2010 l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu. Fil-21 ta' Jannar 2011 l-appellant reġa' ammetta l-imputazzjonijiet u aċċetta li l-każ tiegħu jkun ittrattat bi proċedura sommarja.

**Konklużjoni**

**Fid-dawl tal-insenjament dwar appelli dwar il-piena li jidher b'mod partikolari fil-każ 'Ir-Repubblika versus Butler' u fid-dawl tar-riflessjonijiet u konsiderazzjonijiet oħra imsemmijin aktar 'il fuq, il-Qorti qed tiddeċiedi li ma tiddisturbax id-deċiżjoni mogħtija fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Christian Mangion' fil-21 t' Jannar 2011 u qed tikkonferma s-sentenza fl-intier tagħha. Iżda qed twissi mill-ġdid lill-appellat li l-artikolu 22 tal-Kap 446 għandu marbuta miegħu konsegwenzi koroh jekk huwa jwettaq xi reat fit-tliet snin li ġejjin. Il-Qorti qed tagħmilha ċara li jekk f'dawn it-tliet snin l-appellat jinstab ħati ta' xi reat ieħor imwettaq f'dan il-perjodu, allura min jiġġudika jrid jikkunsidra wkoll iżid il-piena applikabbli għall-**

**proċedura ta’ llum ai termini tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------